# L-ASSEMBLEJA LEĠISLATTIVA U S-SENAT, U L-KOPPLA TAL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN PAWL TAR-RABAT (1924)

*Winston L. Zammit B.A. (Hons) M.A.*

Ħamsa w sebgħin sena ilu, fid-29 ta' Novembru 1924 f'nofs il-lejl neqsin kwart seħħ fatt traġiku fir-Rabat ta' Malta, meta ġġarfet il-koppla tal-knisja parrokjali ta' San Pawl, u dan it-tiġrif ikkaġuna ħafna ħsarat fl-istess knisja. Dan il-fatt traġiku, kif se naraw tqajjem fl-Assembleja Leġislattiva, u wassal biex il-Gvern Malti ta' s-somma ta' £1,000 għax-xogħol ta' rikostruzzjoni.

Kif għedna din id-disgrazzja seħħet is-Sibt 29 ta' Novembru 1924 tard bil-lejl. Jumejn wara, t-Tnejn l-1 ta' Diċembru 1924, fis-2.30p.m. kien hemm laqgħa ta' l-Assembleja Leġislattiva. Eżatt kif bdiet is-seduta qam jitkellem l-Avukat Dr. Giuseppe Degiorgio LLD, li kien wieħed mid-deputati ta' l-Unione Politica Maltese; u li kien jirrappreżenta s-Seba Distrett Elettorali fl-Assemblea Leġislattiva. dak iż-żmien dan id-distrett kien jinkludi fih ir-Rabat (1).

Dr. Degiorgio stqarr li huwa kien qam biex jitlob il-permess ta' l-ispeaker, jekk kienx f'dan l-istadju, biex jiġbed l-attenzjoni tal-Gvern u tal-kamra, għal fatt ta' importanza pubblika. Stqarr ukoll li kien jemmen li l-kamra ma kienetx se tinnegalu li jiġu sospiżi r-regolamenti sakemm dan ikun neċessarju.

L-Avukat Degiorgio stqarr li ried jiġbed l-attenzjoni tal-kamra għad-disgrazzja li kienet



*Dehra tal-ħerba li ħalliet il-waqa' tal-koppla*

laqtet lir-Rabat, u kompla d-diskors tiegħu billi nforma lill-kamra b'dak li kien seħħ fil-lejl tas-Sibt u l-Ħadd 29/30 ta' Novembru meta ġġarfet il-koppla tal-knisja ta' San Pawl u bil-ħsara li dan it-tiġrif ikkaġuna fl-istess knisja.

Fl-istess diskors Dr. Degiorgio stqarr li kien jittama li f'din iċ-ċirkostanza l-Gvern ma kienx se jiċħad l-għajnuna teknika u finanzjarja lin-nies tar-Rabat. tkellem ukoll dwar il-kampnar tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesu, li jidher li kien fil-periklu li jaqa' (2).

Il-Konti Sir Gerald Strickland li kien il-Kap ta' l-Opposizzjoni, tkellem wara Dr. Degiorgio u



*Il-kampnar mill-kappellun ta' San Anton*

f'diskors qasir appoġġja t-talba ta' Dr. Degiorgio li tingħata għajnuna lin-nies tar-Rabat.

Warajhom qam jitkellem il-Perit Edwin Vassallo tal-Partit Kostituzzjonali; li kien ukoll jirrappreżenta s-seba' distrett elettorali fl-Assemblea Leġislattiva. Il-Perit Vassallo qabel ma dak li kien intqal mill-Avukat Degiorgio u mill-Konti Strickland, dwar l-għotja ta' għajnuna biex tiġi rranġata l-ħsara. Huwa ddeskriva l-knisja ta' San Pawl bħala *"one of our historical monuments as it commemorates the visit of St Paul to our islands" (3).*

Wara l-Perit Vassallo, tkellem il-Professur Carlo Mallia LLD li kien il-Ministru atl-Ġustizzja. Huwa qal li l-Gvern ma setax jibqa' barra minn dak li kien ġara. Qal ukoll li kulħadd kien jaf x'kien seħħ fir-Rabat, iżda għal aktar kjarezza tad-dettalji, kien se jitlob li jaqra r-rapport uffiċjali tal-pulizija , li kienu jgħidu hekk:

*"I have the honour to report that the dome of the parish church of Rabato, which was under repair since the last earthquake collapsed at midnight. The damage to the building is great,*

*but no persons have been injured. The place is under the supervision of the police."*
*J.E. Axisa - Inspector D.*

Il-Ministru Mallia qara wkoll ir-rapport tas-Supretendent A. H. Borg Cardona:

*"The ceiling of the church gave way in four different parts by the weight of the falling debris. The pavement below the dome also gave way. The damage amounts to about £8,000."*
*A.H. Borg Cardona*
*Supt. C. District*
*30 -11- 24 (4)*

Il-Ministru Mallia kompla d-diskors tiegħu billi nforma lill-kamra, li malli kien possibli, huwa stess mar fuq il-post tad-disgrazzja u ra l-ħerba li kienet saret, u stqarr li l-ispiża tal-ħsara ma kienetx dik imsemmija mill-pulizija, għax kellu dubju jekk kienetx se tkun inqas minn £10,000.



*Il-ħsara fil-koppla minn barra.*

Nforma ukoll lill-kamra li kien ta' xi ordnijiet immedjati, fosthom kien ordna lill-pulizija li ma jħallux lin-nies jidħlu fil-knisja billi seta kien għad hemm xi ġebel li seta' jaqa' minn mument għall-ieħor.

Iżda barra minn hekk kien ħa l-passi biex tinħatar Kummisjoni t'Inkjesta, għax il-Gvern ħass li kellu jara x'wassal għal din id-disgrazzja u jekk huwa possibbli jitraċċaw ir-responnsabbilta għal din id-disgrazzja. Din il-Kummisjoni kellha tmur l-għada stess biex tara l-Knisja, u tara fl-liema stat kienet tinsab il-knisja, billi kienet l-intenzjoni tal-Kappillan Dun Nerik Bonnici, li juża l-korsija biex fiha jsiru l-funzjonijiet.

Dwar it-talba għall-għajnuna li tressqet mill-Avukat Degiorgio u li ġiet ssekondata mill-Konti Strickland u l-Perit Vassalli, il-Professur Mallia nforma lill-kamra, li dakinhar filgħodu, il-Gvern kien iddeċieda li jagħti għajnuna finanzjarja. Il-Gvern ma kienx għadu ddeċieda dwar is-somma, billi ma kienx magħruf eżatt kemm kienet il-ħsara, iżda n-nies tar-Rabat setgħu jserrħu rashom, li l-Gvern kien se jgħinhom. Dwar il-kampnar tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesu, il-Ministru Mallia stqarr li kienet issir indaġini dwar il-qagħda tiegħu, u għaldaqstant m aħassx li kien il-mument li jitkellem fuqu (5).

**L-Assemblea Leġislattiva tapprova l-għotja ta' £1,000.**

Fis-seduta ta' l-Assemblea Leġislattiva li saret nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru, il-Prim Ministru Dr. Ugo Pasquale Mifsud LLD qara din ir-resoluzzjoni:
"*Whereas consequent to the recent catastrophe at Rabato it is urgent to assist financially the Parish Church of St Paul outside the walls at Rabato, in the carrying out of such works as do not admit of delay.*
*Resolved that the Government be authorized to make a grant in air of £1,000 to the said parish towards the cost of the same, saving to consider the necessity of increasing this sum after establishing the full extent of the damage and obtaining an estimate of the scheme for the restoration of the entire chruch and to charge the amount temporarily to a suspence account.*
*Resolved also that in view of the threatening condition of the belfry of the Church of Santa Maria di Gesu at Rabato for the restoration of which the Monastery of the Friars Minor (who belong to a Religious Mendicant Order) at*

*present have no funds available, the Government be authorised to incur expenditure not exceeding £35, for the demolition of the belfry, which is now threatening danger to persons and to charge the amount temporarily to a suspense account."*

Il-Konti Strickland, kap ta' l-opposizzjoni appoġġa din ir-resoluzzjoni.

Wara li reġa' qara r-resoluzzjoni Dr. Ugo Mifsud tkellem dwarha. Huwa qal li l-Gvern ma ried bl-ebda mod joħloq il-prinċipju li f'kull spiża li tolqot twaqqigħ jew bini ta' knejjes, kellu jidħol il-gvern. Iżda fiċ-ċirkostanzi preżenti li kienu konsegwenzi indiretti ta' terremot, kien solitu



*Il-kwadru titulari ta' San Pawl imqatta f'diversi bnadi*

għall-Gvernijiet li jgħinu lill-min jintlaqat. Il-valur tad-danni ma kienx għadu ġie stabbilit; kif ukoll lanqas kien hemm ideja ta' kif kien se jsir il-proġett tar-rikostruzzjoni. Iżda kien fatt li l-kappillan u s-saċerdoti tal-parroċċa, mhux inqas id-deputati u persuni mid-distrett, kienu talbu lill-Gvern biex jagħti għajnuna finanzjarja. Għaldaqstant bir-riżoluzzjoni li kien qed jippreżenta, billi l-każ kien urġenti, il-Gvern ried l-awtorizazzjoni tal-kamra sabiex tinħareġ is-somma ta' £1,000 għall-ispejjeż tar-rikostruzzjoni tal-knisja, xogħol li kien jitlob li ma jkunx hemm dewmien. L-għotja ta' £1,000 kienet tolqot l-ewwel domanda (6)

Imbagħad il-Kap tal-Ministeru tkellem dwar il-kwistjoni tar-rikostruzzjoni tal-kampnar tal-knisja ta' Santa Marija ta' Gesu, li għalih il-Gvern kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kamra biex tintefaq is-somma ta' £35 (7).

Saret diskussjoni fuq din il-mozzjoni (8). Iżda mbagħad li speaker tal-kamra waqqaf id-diskussjoni u staqsa jekk il-Kap tal-Ministeru kellux il-messaġġ meħtieġ tal-Gvernatur, li jirrikmanda din in-nefqa lill-Kamra, għax f'każ li ma kellux dan il-messaġġ kien obbligat li jħalli din id-diskussjoni għas seduta li jmiss.

Dr. Ugo Mifsud informa lill-kamra li kien bagħat it-talba għal-messaġġ simili mill-Gvernatur f'San Anton, billi l-Gvernatur ma kienx ġie l-Belt Valletta dakinhar; iżda sa dak il-ħin il-messaġġ ma kienx għadu wasal. Minħabba f'hekk li speaker tal-kamra mexa skond ir-regolamenti tal-kamra u rrimanda din id-diskussjoni għal seduta oħra (9).

Fil-fatt il-messaġġ tal-gvernatur relattiv għal din il-mozzjoni, ġie ppreżentat minn Dr. Ugo Mifsud, fis-seduta ta' l-Assembleja Legislattiva ta' nhar it-tlieta 9 ta' Diċembru 1924. Dan il-messaġġ li nqara mill-ispeaker kellu dan il-kontenut:

*"His excellency the Governor reccommends to the consideration of the Legislative Assembly the expenditure of £1,000 for the purpose of assisting financially the Parish Church of St Paul outside the walls at Rabato and £35 for the demolition of the belfry of the church of Santa Marija di Gesu at Rabato.*
*The said expenditure of £1035 to be temporarily charged to the suspense accounts.*
*W W Congreve Gen*
*Governor*

*The Palace*
*Valletta, 9th December 1924*

Wara l-qari ta' dan il-messaġġ saret diskussjoni

qasira dwar il-mozzjoni li fiha ħadu sehem Dr. Ugo Mifsud LLD, il-Konti Strickland u l-Avukat Degiogrio LLD u l-mozzjoni għall-għotja ta' £1,035 mill-gvern għar-rikostruzzjoni tal-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat, u biex jinbena mill-ġdid il-kampnar tal-knisja ta' Santa Marija ta' Gesu ġiet approvata mill-Assembleja Legislattiva. Fil-fatt fil-minuti tal-kamra tniżżel hekk: "Motion agreed to" (10).

### Il-Kwistjoni tal-Koppla fis-Senat

Il-każ tal-waqgħa tal-koppla tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, kellu wkoll l-eku tiegħu fis-Senat, jiġifieri t-tieni kamra tal-Parlament Malti.

Fis-seduta tas-Senat li saret nhar il-Erbgħa 3 ta' Diċembru 1924, wieħed mir-rappreżentanti tal-Kleru Mons. Giuseppe Apap Bologna, stqarr li kien iħoss li kien id-dover tas-Senat li jestendi għan-nies tar-Rabat is-simpatija profonda tiegħu għad-disgrazzja li kienet seħħet li kulħadd kien jaf biha.

Mons. Apap Bologna ppropona li s-Senat permezz tal-kappillan, jesprimu s-sentimenti ta' simpatija tiegħu mal-poplu Rabti, u l-ammirazzjoni tiegħu għall-att eroiku kompjut minn Dun Robbie Calleja li filwaqt li sfida kull periklu ma qagħadx jaħsiba biex jidħol qalb dik



*Dehra tal-ħerba fis-sagrestija*

il-ħerba li kienhemm fil-knisja biex isalva "La Gloria dei nostri altari il-Santissimo Sacramento".

Il- kamra kollha qablet li tintbagħat l-ittra lill-kappillan tar-Rabat li tesprimi s-sentimenti ta' solidarjeta tas-Senat u l-apprezzament għal dak li kien wettaq Dun Robbie Calleja (11).

Is-senatur il-Konti Alfredo Caruana Gatto tkellem wara Mons Apap Bologna. Huwa mhux biss qabel li tintbagħat l-ittra, iżda awgura li l-Gvern jieħu l-passi biex jaċċerta ta' min kienet ir-responsabbilta għal din id-disgrazzja (12).

Wara l-Konti Caruana Gatto, tkellem il-Ministru tal-Gustizzja l-Prof. Carlo Mallia. Huwa stqarr li l-Gvern kien jassoċja ruħu ma din l-espressjoni ta' simpatija mad-disgrazzja li kienet ġrat, u kien esprima ruħu f'dan is-sens fl-Assembleja Legislattiva.

Il-Professur Mallia nforma lis-Senat li l-Gvern kien ħa xi provvedimenti mmedjati fosthom l-egħluq tal-knisja għall-pubbliku, sakemm kummissjoni li kienet inħatret dak inhar mill-Gvern tinforma lill-Gvern jekk il-korsija tal-knisja kienetx fi stat li taqa'. Jekk il-kummissjoni tinforma lill-gvern li l-korsija kienet intatta, jew almenu ma kienetx fi stat li taqa', il-Gvern kien jagħti l-permess biex tintuża, u l-fidili jkunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet spritwali tagħhom fiha.

It-tieni provvediment li ħa l-Gvern kien li ma jintmess xejn, għax il-kummissjoni t'inkjesta kienet diġa nħatret, u l-ewwel ħaġa li kellha tagħmel kien li teżamina li stat materjali tal-knisja, wara d-disgrazzja, għax l-istat materjali seta jservi ta' indizju tajjeb biex wieħed jagħraf il-kawża tal-waqgħa tal-koppla. Il-mandat tal-kummissjoni kien li teżamina l-kobor tad-danni li saru fil-knisja, tindaga x'kienet il-kawża tad-disgrazzja u tindika lill-Gvern ir-responsabbilta ta' dak li kien ġara.

Il-Ministru Mallia nforma wkoll lis-senaturi li l-għada tad-disgrazzja, l-gvern iddeċieda li jgħin finanzjarjament lill-kappillan tal-knisja għall-bini mill-ġdid tal-koppla, iżda ma kienx possibbli li tiġi stabbilita s-somma. Ir-raġuni qal il-Ministru kienet ovvja għax is-somma li tingħata kellha tkun adegwata u proporzjonata għall-ispiża meħtieġa għar-rikostruzzjoni tal-knisja kif kienet qabel (13).

### Kuntatt ma l-Awtoritajiet ekklessjastiċi

Is-Senatur Mons. Pawlu Galea J.C.D. staqsa lill-Ministru Mallia jekk il-miżuri ta' sigurezza kienux ittieħdu wara konsultazzjoni ma l-Awtoritajiet Ekkelsjastiċi. Il-Ministru Mallia wieġeb li l-miżuri mmedjati kienu ttieħdu mingħajr konsultazzjoni ma l-Awtoritajiet tal-Knisja, u r-raġuni kienet li l-pulizija f'isem il-Gvern kellha tħares is-sigurta pubblika qabel kull ħaġa oħra.

Iżda l-Ministru Mallia nforma lill-Kamra li kien

ikkomunika ma l-Arċisqof Caruana dwar dawn il-miżuri u taħ rendikont tal-miżuri li ttieħdu, li ġew approvati mill-Arċisqof. Kien ukoll ftiehem ma l-Arċisqof li jżommu nfurmat dwar kull pass li jkollu ħsieb jieħu f'din il-kwistjoni biex jieħu l-opinjoni tiegħu. Il-Ministru Mallia temm l-intervent tiegħu billi stqarr li dwar il-miżuri urġenti ma kienx possibli li jinforma lill-Awtoritajiet tal-Knisja (14).

Wara l-Ministru Mallia tkellem is-Senatur Achille Sammut, li wera l-approvazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni li tingħata għajnuna finanzjarja u kien ċert li dawn kienu s-sentimenti tal-kamra (15). Iżda fuq dan il-punt ma qabilx miegħu s-Senatur Caruana Gatto, għax qal li dan kien se joħloq preċedent perikoluż (16).



*Tibda tinħatt il-koppla.*

Warajhom qam jitkellem il-Prim Ministru Dr. Ugo Mifsud LLD, li tkellem dwar l-għajnuna finanzjarja li kien se jagħti l-Gvern. Huwa qal li s-somma li kien se jagħti l-Gvern ma kienet bl-ebda mod se tilħaq iċ-ċifra ta' l-ispiża kollha, biss il-Gvern kien se jżomm id-dritt li jikkunsidra s-somma meta jkollu quddiemu l-istima tal-ħsara, kif ukoll l-istima għar-rikostruzzjoni tal-knisja, u din il-mozzjoni kellha titressaq quddiem l-Assemblea Leġislattiva. Iżda l-Gvern ma setax jaċċetta l-prinċipju li xi ħsara li seħħ f'xi knisja, kellha titħallas mill-fondi pubbliċi (17).

Wara diskors qasir mis-Senatur Sammut, is-Senaturi qablu mal-mozzjoni li tintbagħat ittra lill-kappillan tar-Rabat fuq imsemmija (18). L-ittra msemmija ntabagħtet bid-data ta' l-10 ta' Diċembru, u nhar it-12 ta' Diċembru 1924, il-kappillan tar-Rabat Dun Nerik Bonniċi rrisponda lis-Senat permezz ta' din l-ittra:

Casa Parrocchiale Rabato
12 Dicembre 1924

*Onorevole Signore*
*In riferenza alla sua pregiata del 10 corrente mi affretto a esprimere a vostra signoria onorevole e ai suoi onorevoli colleghi I miei piu sentiti ringraziamenti per sensi di simpatia espressi da codesto onorevole Senato in occasione della disgrazia che colpi la mia Chiesa il 29 ultimo scuso.*
*A nome del Sacerdote Roberto Calleja la prego di accetare I suoi piu vivi ringraziamenti*
*Con sensi di stima mi dicc*
*Suo devoto*
*Enrico Bonnici*
*Parroco (19)*

1 Is-Seba Distrett Elettorali f'dak iż-żmien kien jinkludi: L-Imdina, ir-Rabat, Had-Dingli, Siġġiewi, Safi, Żurrieq, Kirkop, Qrendi u Mqabba. - ara J. Xerri - L-Elezzjonijiet f'dawn l-aħħar Ħamsin Sena 1921-1971 KKM p2,6
2 Parliamentary Debates Vol9 Legislative Assembly p1711,1712
3 Ibid p1712
4 Ibid p.1712,1713
5 Ibid p.1713
6 Ibid p.1765,1766
7 Ibid p.1766
8 Ibid p.1766,1767
9 Ibid p.1767
10 Ibid p.1834,1835
11 Parliamentary Debates Vol 4 Senate p255,256
12 Ibid p.256
13 Ibid p.256,257
14 Ibid p.257
15 Ibid
16 Ibid
17 Ibid p257,258
18 Ibid p.258
19 Ibid p321